# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 28 ta' Frar 2018**

**Avviż Numru: 11/2017 PC**

**Refalo Woodwords Limited (C49089)**

**vs**

**Steel Structures Company Limited (C4192)**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li premezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas lis-soċjeta' attriċi Refalo Woodworks Limited is-somma bilanċjali fl-ammont ta' tmint elef u tnejn u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€8082.04ċ), liema ammont jirrappreżenta ħlas dovut mis-soċjeta' konvenuta għal xogħol ta' njam reż lilha mis-soċjeta' attriċi, liema ammont is-soċjeta' konvenuta qed tirrifjuta li tħallas.

Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra interpellatorja spedita f'Awwissu tal-elfejn u sbatax (2017) u dawk tal-ittra uffiċċjali spedita f'Ottubru 2017.

Bl-inġunzjoni tas-soċjeta' konvenuta minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-riferta pożittiva tas-soċjeta' konvenuta illi ġġib id-data tal-ħdax (11) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018).

Innutat illi l-istess soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċi, u ma deher ħadd in rappreżentanza tagħha għall-udjenza tal-lum.

Semgħet lil Andrew Refalo in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi jikkonferma illi għad baqa' bilanċ dovut ta' ħamest elef tnejn u tmenin Ewro u erbgħa u tmenin

ċenteżmu (€5082.84ċ) u dan wara li sar pagament akkont fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża.

Il-Qorti, għalhekk billi jidhrilha li t-talba attriċi kif ridotta hija ġustifikata, tilqa' l-istess talba attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma bilanċjali ta' ħamest elef tnejn u tmenin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€5082.84ċ), bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja mibgħuta f'Awwissu tal-elfejn u sbatax (2017) u dawk tal-ittra uffiċċjali mibgħuta f'Ottubru tal-elfejn u sbatax (2017) u dana kollox kontra s-soċjeta' konvenuta.

Paul Coppini
Maġistrat

Silvio Xerri
D/Reġistratur